# Nghożżu dak li huwa tagħna!



**minn Oreste Mifsud, B.A. (Gen), Dip. Educ., Dip.LIS.**

Ma tkunx l-ewwel darba li tisma' Maltin igergru daqqa fuq ħaġa u daqqa fuq oħra. Il-ħasra hija li l-poplu Malti bħala ġens huwa magħruf għal dan id-difett ereditarju li nħobbu ngergru fuq kollox u fuq kulħadd.

Iż-żgħażagħ ta' llum ma jafux li meta Malta kienet taħt il-ħakma Ingliża, is-suldati Ingliżi u l-familji tagħhom li kienu jgħixu Malta, spiss kienu jsejħulna bil-laqam ta' "maltese gemgem". Dan mhux xi laqam sabiħ, iżda naturalment xejn ma jagħmlilna ġieħ meta nafu li fl-imgħoddi art tweldina kienet meqjusa mill-ġirien tagħna bħala "fior del mondo".

Hija tassew qagħda tal-biki li fil-maġġoranza tagħna l-Maltin għadna m'aħniex kapaċi nagħrfu tassew l-aspetti pożittivi tal-ġens Malti u ta' art twelidna. Hemm bosta x'wieħed isemmi, iżda ta' min jibda billi jgħid li popli ferm akbar minna għad m'għandhomx l-ilsien propju tagħhom u jkollhom jinqdew b'ilsien barrani biex jesprimu ħsibijiethom u xewqathom. Huwa tassew ta' ġieħ għalina l-Maltin li kapaċi nitkellmu bejnietna bl-ilsien tagħna tassew.

Hemm ukoll it-twemmin nisrani li jgħaqqadna lkoll flimkien. Huwa privileġġ kbir għall-poplu Malti li għandu f'idejh żewġ elementi hekk qawwija li minn jum għall-ieħor iżommu flimkien lill-Maltin u lill-Għawdxin bħala poplu wieħed magħqud u b'saħħtu. F'bosta pajjiżi barranin, il-lingwa u r-reliġjon huma l-aktar żewġ aspetti ħorox li jifirdu lill-popli u jdaħħlu mibegħda u vendetta bejn ċittadin u ieħor. L-inkwiet settarju fl-Irlanda huwa eżempju ħaj ta' dan id-diżgwid.

L-imħabba lejn il-familji tagħna, lejn djarna, lejn ix-xogħol tagħna ta' kuljum, lejn id-drawwiet tagħna hija ġawhra li żżejjen l-istorja tal-ġens Malti tul is-sekli. Iżda dan mhux biżżejjed, il-Maltin għad jonqoshom ferm aktar minn hekk. Għadna ma wasalniex biex nagħrfu tassew





dak li ħallewlna warajhom dawk li għexu fuq l-art Maltija. Hija nuqqas ta' rispett kbir lejn niesna ta' l-imgħoddi li bl-akbar arroganza niġu naqgħu u nqumu mill-wirt kulturali ta' pajjiżna.

Il-barranin li jżuruna ta' kull sena jitilqu minn pajjiżna b'sorpriża kbira f'qalbhom wara li jkunu żaru l-irkejjen storiċi ta' Malta u Għawdex. Jibqgħu miblugħin bl-istorja glorjuża tagħna, bil-kultura tagħna, bid-drawwiet tagħna, bit-tempji neolitiċi ta' Ħaġar Qim, l-Imnajdra, Ħal Tarxien, il-Ġgantija ta' Għawdex u bosta oħrajn imferrxin fil-gżejjer Maltin. Wieħed turist Franċiż stqarr miegħi bl-akbar sinċerità li Malta għandha storja u arkeoloġija aktar milli turist isib fl-Amerika ta' Fuq u ta' Isfel. Ma rridx inkun bombastiku żżejjed, iżda dan huwa kliem ċittadin barrani li għalih Malta u Għawdex kienu l-meravilja li bellħitu meta sabha moħbija fiċ-ċkejkna art twelidna. U int u jien indunajna b'dawn it-teżori kollha mdawrin magħna?

Jeħtieġ mill-aktar fis nibdew nagħtu aktar każ tal-wirt storiku u kulturali li ħallewlna missirijietna. L-apprezzament tagħna lejn dan il-wirt u l-għożża li għandna ndaħħlu f'uliedna għandu jkun ta' ġieħ għal dawk ta' qabilna u fl-istess ħin ta' garanzija għal dawk li għad iridu jiġu warajna. X'jiswa li nkunu ħallejna pajjiżna fgat bil-bini, it-toroq tagħna maħnuqa bil-karozzi u lussu sfrenat, meta mbagħad inkunu tlifna l-ħitan tas-sejjieħ, il-ġmiel tal-kampanja, it-tempji megalitiċi, il-bini medjevali u barokk, is-snajja li għallmuna missirijietna, l-imħabba li daħħlu fina l-ġenituri tagħna u d-drawwiet u l-festi sbieħ li nafu nagħmlu aħna l-Maltin.

Wasal il-mument li nieqfu ftit u naħsbu fuq dan kollu u fejn naħsbu li qed nonqsu naraw kif nagħmlu biex insewwu l-ħsara li tkun saret jew li qed issir biex it-tajjeb li sibna aħna ngħadduh lil ta' warajna bl-akbar għożża.